**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 t'Ottubru 2020**

**Talba Nru: 82/20 CZ**

**Owl Services Limited (C 4600)**

**vs.**

**Karen Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Mejju 2020 fejn premettiet:

Illi b'kuntratt tax-xoghol iffirmat bejn il-partijiet (hawn anness u mmarkat bhala Dok.A) is-socjeta' attrici impjegat lill-konvenuta bhala ghalliema tal-Ingliz fuq perjodu ta' sena mill-1 ta' Marzu 2019 sad-29 ta' Frar 2020, f'liema perjodu l-konvenuta kellha tahdem 900 siegha.

Nhar id-29 ta' Novembru 2019, il-konvenuta pprezentat ir-rizenja taghha minn mas-socjeta' attrici. Sa dik il-gurnata, il-konvenuta kien hademt 726 siegha.

Ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 36 (12) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-konvenuta hija obbligata thallas lis-socejta’ attrici dik is-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga illi kienet tippercepixxi kieku kompliet bl-impjieg taghha kif miftiehem sal-gheluq tal-kuntratt definit. F’dan il-kaz, il-konvenuta kellha 174 siegha ta’ xoghol rimanenti, u ghlahekk, hija ghandha thallas nofs il-paga ghal dawk is-sighat, u cioe’ elf, tmienja u sebghin Euro u tmenin centezmu (€1,078.80).

Il-konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas ta’ din is-somma b’ittra legali tad-9 ta’ Marzu 2020 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B), izda l-konvenuta naqset milli thallas.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

(i) Jiddikjara illi s-socjeta’ attrici ghandha tithallas mill-konvenuta s-somma ta’ elf, tmienja u sebghin Euro u tmenin centezmu (€1,078.80), jew somma ohra verjuri;

(ii) Tordna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta’ Marzu 2020 kontra l-konvenuta li minn issa stess hija ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-16 ta’ Gunju 2020 li permezz taghha eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma eccessivi u dan ghar-raguni li fit-talba tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ attrici ma kkunsidratx li l-konvenuta hi intitolata ghal erba’ gimghat leave bhala minimu, u dan skond l-artikolu 5(iv) tal-ftehim Dok. A.

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjoni hawn fuq esposta, il-konvenuta qatt ma rceviet l-ittra legali tad-9 ta' Marzu 2020, u tikkontesta li tali ittra intbaghtet lilha, fejn li kieku rceviet din l-ittra kienet ben tirrispondi ghaliha.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

It-Tribunal;

Ra l-atti kollha.

Ra illi permezz ta' verbal tal-udjenza tas-7 t'Ottubru 20209 il-partijiet qablu fuq is-segwenti:

> Il-partijiet qeghdin jifthemu li l-ammont dovut (minghajr imghax) u l-ispejjez tal-kawza ser jithallsu minn Karen Borg lil Owl Services Limited f'pagamenti mensili li jibdew minn dan ix-xahar ta' Eur. 150 mhux aktar tard mill-10 jum ta' kull xahar.

Illi wara dan il-verbal, il-partijiet talbu lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tal-ftehim verbalizzat minnhom u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol.

XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tmienja u seghin Euro u tmenin centezmu (€1,078.80), flimkien mal-ispejjez tal-kawza odjerna, li ghandhom jithallsu permezz ta' hlasijiet ta' mija u hamsin Euro mensilment, u cioe' mhux aktar tard mill-ghaxar (10) jum ta' kull xahar kalendarju, minghajr interruzzjoni, sakemm jithallas is-sorte shih u l-ispejjez tal-kawza. Fuq is-sorte appena indikat, m'ghandux jiddekorri imghax.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur